

10.1.2024

A9-0404/4

Emenda 4
Željana Zovko
f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Željana Zovko

A9-0404/2023

Ir-rwol tad-diplomazija preventiva fl-indirizzar tal-kunflitti ffriżati madwar id-dinja -
opportunità mitlufa jew bidla għall-futur?
(2023/2050(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa ANa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

ANa. billi ż-żieda reċenti fit-tensjonijiet bejn il-Venezwela u l-Guyana fuq ir-reġjun ta' Essequibo hija opportunità għall-komunità internazzjonali, inkluża l-UE, biex tiegħu azzjoni diplomatika preventiva urġenti qabel ma l-kwistjoni tkompli teskala;

Or. en

10.1.2024

A9-0404/5

Emenda 5
Željana Zovko
f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Željana Zovko

A9-0404/2023

Ir-wol tad-diplomazija preventiva fl-indirizzar tal-kunflitti ffriżati madwar id-dinja - opportunità mitlufa jew bidla għall-futur? (2023/2050(INI))

Mozzjoni għal rizzoluzzjoni
Paragrafu 1 – punt am

Mozzjoni għal rizzoluzzjoni

Emenda

(am) jivvalutaw dak li kien hemm nieqes fl-isforzi tad-diplomazija preventiva tal-UE fil-Bożnija-Herzegovina sabiex jiġu evitati t-tensjonijiet minħabba atti retorici u seċessjonisti xewwiexa, li jimminaw l-aspirazzjonijiet Ewropej tagħha; iħeġġu lill-Bożnija-Herzegovina biex b'mod urġenti ssib ftehim politiku komuni sabiex tikkonforma mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2023 u biex tkun tista' tiftaħ negozjati ta' adeżjoni qabel Marzu 2024, filwaqt li tqis ukoll is-sitwazzjoni ġeopolitika volatili u l-isforzi ħalli jiġu pprevenuti influwenzi esterni malizzjużi fir-reġjun, u b'hekk twitti t-triq għall-paċi u l-istabbiltà permanenti fil-pajjiż u fir-reġjun;

(am) jivvalutaw dak li kien hemm nieqes fl-isforzi tad-diplomazija preventiva tal-UE fil-Bożnija-Herzegovina sabiex jiġu evitati t-tensjonijiet minħabba atti retorici u seċessjonisti xewwiexa, li jimminaw l-aspirazzjonijiet Ewropej tagħha; iħeġġu lill-Bożnija-Herzegovina biex b'mod urġenti ssib ftehim politiku komuni sabiex tikkonforma mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2023 u biex tkun tista' tiftaħ negozjati ta' adeżjoni qabel Marzu 2024, filwaqt li tqis ukoll is-sitwazzjoni ġeopolitika volatili u l-isforzi ħalli jiġu pprevenuti influwenzi esterni malizzjużi fir-reġjun, u b'hekk twitti t-triq għall-paċi u l-istabbiltà permanenti fil-pajjiż u fir-reġjun; ***jilqgħu d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-14-15 ta' Diċembru 2023 li jinfetħu negozjati ta' adeżjoni mal-Bożnija-Herzegovina hekk kif tikkonforma mal-kriterji tas-sħubija fl-UE; jistennew bil-ħerqa r-rapport tal-Kummissjoni dwar il-progress li għandu jittressaq sa mhux aktar tard minn Marzu 2024;***

Or. en

10.1.2024

A9-0404/6

Emenda 6
Željana Zovko
f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Željana Zovko

A9-0404/2023

Ir-rwol tad-diplomazija preventiva fl-indirizzar tal-kunflitti ffriżati madwar id-dinja -
opportunità mitlufa jew bidla għall-futur?
(2023/2050(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 – punt bfa (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

(bfa) jirrikonoxxu l-importanza ta' organizzazzjonijiet i ta' ispirazzjoni reliġjuża bħala atturi kruċjali fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti u l-medjazzjoni, li jagħmilhom sħab essenzjali għad-diplomazija preventiva; jikkundannaw, f'dan il-kuntest, l-attakki fuq atturi konfessjonali, b'mod partikolari l-priġunerija ta' isqfijiet u qassisin fin-Nikaragwa, inkluż il-finalista tal-Premju Sakharov, il-Monsinjur Rolando Álvarez;

Or. en